**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU: 2708**

**Kaz Numru: 3650/MF**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn:**

**Conception Martinez Lopez**
**(Numru tal-Passaport BA857533**
**(debitament rrapprezentata**
**minn mandatarju taghha Dr. Michael**
**Carbone KI 558683M)**

**u**

**Jet Magic Air Personnel Limited et u li digriet datat 12 ta' Novembru, 2018 il-kawza ghandha titkompla biss kontra Jet Magic Air Personnel Limited**

*dwar : tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta u allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

**Illum it-Tnejn 8 ta' Frar, 2021**

**Chairman: Avv. Martin Fenech LL.D.,Dip.Adv.,Eur.Stud.(Bruges).**

Dan il-kaz beda wara dikjarazzjoni sottomessa mir-rikorrenti fit-23 ta' April 2018 tramite Dr Michael Carbone fejn ir-rikorrenti allegat li giet diskriminata u li tkecciet ingustament minhabba l-fatt li nqabdet tqila u ma tawhiex xoghol alternattiv adegwat.

Is-socjeta' ntimata ddikjarat illi ma kienx hemm tkeccija imma li r-rikorrenti kienet telqet mill-impjieg taghha wara li offrewlha xoghol alternattiv gewwa Malta u hi ma accettatx u rrizenjat.

**Provi**

Xehdet Caroline Loesner bil-lingwa Ingliza li hija Direttur tal-kumpanija fejn qalet li meta persuna tinsab tqila jwaqqfuha mill-flights. Bhala fatt hallsulha l-biljett tal-ajru halli tigi Malta u setghu joffrulha xoghol fl-Accountancy Department. Meta giet mistoqsija jekk ikkunsidratx li r-rikorrenti setghet tahdem gewwa d-dar taghha gewwa Spanja x-xhud wiegbet le li ma kienx hemm xoghol li setghet taghmel minn Spanja.

Xehed Jerman Gonzalez li hu r-ragel tar-rikorrenti fejn qal li l-mara tieghu kellha hafna stress tant li darba wahda waqghet u wegghet rasha.

Xehdet ir-rikorrenti Conception Martinez Lopez fejn xehdet bl-Ingliz fejn qalet li xogholha kien ta' Senior Flight Attendant. Qalet li kienet tghix gewwa Spanja pero' l-ajruplan kien Franza. Ix-xoghol kien jiddependi fuq il-bzonnijiet tal-klijent u kien ivarja. Ix-xhud spjegat li nfurmat lill-kumpanija li kienet tqila u dan permezz ta' email datat 13 ta' Settembru 2018. Giet infurmata li kellha tigi Malta u saqsiethom jekk kienu ser ituha xi dar u x'kien ix-xoghol taghha. Giet infurmata li kellha tigi Malta u ssib appartament u b'dawn il-problemi qatt ma giet Malta. Ma baqghux ihallsu l-paga u rrizenjat. Giet mistoqsija jekk kinitx taf li jekk tinqabad tqila kellha tahdem xoghol alternattiv gewwa Malta u x-xhud wiegbet iva kellha problema bit-tqala u kellha tistrieh u ma setghetx tigi Malta. Ir-rikorrenti stqarret li kienet qieghda tistenna li jtuha xoghol minn Spanja bhal tirranga l-flights etcetera u setghet tahdem minn Spanja.

Xehdet Caroline Loesner Direttur ta' Jet Magic fejn xehdet bl-Ingliz u qalet meta Flight Attendant tinforma lil Jet Magic li hija tqila jwaqqfuha milli ttir. Offrejnielha xoghol fuq l-art gewwa Malta. Jet Magic topera gewwa Malta biss. Giet infurmata li r-rikorrenti ma kinitx f'sahhitha u ma kinitx gejja Malta tahdem u rrizenjat.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi din il-kawza si tratta principalment ta' mpjegata li harget tqila u trid xoghol alternattiv. Il-problema hija kbira minhabba l-fatt li l-bazi tas-socjeta' ntimata hija Malta waqt li r-rikorrenti tirrisjedi gewwa Spanja.

Ovvjament il-problema tikber.

Il-principal ammetta li l-impjegata offrewlha li tigi tahdem Malta bhala xoghol alternattiv waqt li l-impjegata insistiet li setghu ssibilha xoghol mid-dar taghha gewwa Spanja.

It-Tribunal jaf li din il-kawza hija kawza sensittiva pero' qieghed jiddeciedi s-segwenti.

Il-bazi tal-kumpanija ntimata hija Malta u jidher illi l-operazzjonijiet huma gewwa Malta u t-Tribunal mhuwiex konvint li hemm bizzejjed xoghol li r-rikorrenti tista tahdem gewwa Spanja minhabba l-fatt li l-flights mhumiex daqshekk frekwenti. Ukoll minn Malta tista tahdem mal-operaturi l-ohrajn u tahdem minn gewwa Malta. Mhuwiex gustifikat titlob ghal xi allowance tal-flat jew tal-flights jew tal-ikel. Ukoll it-Tribunal ma jarax li hemm kaz ta' diskriminazzjoni ghax ma kienx hemm haddiema ohra li gew offruti xi privileggi jew li gew offruti xi kundizzjonijiet ahjar minn dawk offruti lir-rikorrenti.

**Decizjoni**

It-Tribunal wara li sema' x-xhieda, ra d-dokumenti, u sema' t-trattazzjoni tal-partijiet, jiddeciedi billi r-rikorrenti ma ppruvatx l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni u ta' tkeccija ngusta u b'hekk tintemm il-kawza bl-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**

Avv. Martin Fenech
Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju